# Animazzjoni - Is-Seba' Ħadd ta' Matul is-Sena (Sena Ċ)

**Dħul:**

Inġbarna sabiex niċċelebraw flimkien il-liturġija tas-Seba' Ħadd ta' Matul is-Sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex inħobbu lil kulħadd anke 'l dawk li jagħmlulna d-deni.

Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Fil-Liturġija tal-Kelma tal-lum, Ġesù, huwa u jkellem lid-dixxipli tiegħu jitlobhom biex jaħdmu favur l-paċi. Dan l-att jitwettaq permezz tal-ħniena lejn il-proxxmu. Meta l-bniedem jgħix dan l-atteġjament huwa jsir xbieha tal-bniedem tas-sema.

Nisimgħu b'attenzjoni l-qari.

**Salm Responsorjali:** Ħanin u twajjeb il-Mulej.

**Offertorju:**

L-imħabba twassalna biex noffru dak li hu tagħna lill-oħrajn. Ejjew noffru bħala ġest ta' mħabba, il-ħidmiet u x-xewqat kollha tagħna.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

F'dan il-mument naraw l-vera imħabba li wera Kristu magħna permezz tal-għotja totali tiegħu fuq is-salib. Ejjew għalhekk nieħdu sehem minn din l-offerta tiegħu għalina fl-Ewkaristija.

Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.